

Ġrajjiet u Tifkiriet



# Il-Mayfair Cinema

**Philip Bugeja**

Din is-sena hija s-sittin sena mindu beda jiffunzjoni t-*talkies* ta' Ħaż-Żebbuġ li kien iġib l-isem li jidher fit-titlu ta' din il-kitba.

Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 1957 il-kumitat tal-Każin Banda San Filep ħa d-deċiżjoni li s-sala ta' fuq tal-każin tinbidel f'ċinema. Sa dakinhar din is-sala ġieli nkriet biex fiha saru riċevimenti ta' tiġijiet. Għalhekk mill-ewwel beda x-xogħol meħtieġ u fi żmien qasir inxtraw żewġ *projectors Kalee 12* u ma damx ma fetaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku.

Ir-raġuni għala kienu meħtieġa żewġ *projectors*, kienet minħabba li l-bobini bil-film kienu ta' għoxrin minuta l-wieħed u kif jispiċċa *reel* kont trid taqleb fuq il-makna l-oħra. Il-film, inklużi n-*news* u t-*trailers* kien ikun magħmul minn sitta sa tmien bobini.

*Reel* numru wieħed kien ikun fih fuq ġewwa ċ-ċertifikat taċ-ċensuri, u f'xi ħin qabel u mhux wara li jibda l-film, irid imur xi ħadd jirreġistrah l-għassa tal-pulizija. Mhux l-ewwel darba li mort jien, biex nidħol b'xejn u billi ma kellix sittax jew wieħed u għoxrin, kont nara l-film xorta mill-*projection room*.



***Il-projectors tal-Mayfair Cinema.***







Iċ-ċinema Mayfair fetaħ bil-*musical* "KISS ME KATE", film li nħadem fl-1953, b'mużika ta' Cole Porter. Oriġinalment dan il-film kien inħadem bit-*3 dimension*, imma f'Malta ntwera normali. Dak iż-żmien, il-gosti tan-nies kienu differenti ħafna minn dawk tal-lum, u billi kien għadu ma daħalx it-televiżjoni f'Malta, u meta dan daħal, sett tat-TV, li kien għadu *black and white* dak iż-żmien, kien għali ħafna għall-familji biex jixtruh, kien għad hawn għatx kbir għat-*Talkies*, kif kienu jsibuh. Dan kien jidher ċar għax kull meta l-arċipriet kien idawwar xi film fil-ġnien tad-Domus fis-Sajf, jew fis-sala tat-tiġijiet ta' Karmnu l-Papa fit-Triq t'Għasfura, inkella meta l-Każin San Filep kien juri xi film fis-sala tal-iskola tal-bniet, dawn kienu jkunu mballati bin-nies.

Qabel ma fetaħ il-*Mayfair*, il-guvintur Żebbuġin kienu jmorru f'xi ċinema tal-Belt. Il-familji kienu jmorru Ħal-Qormi (San Bastjan) fil-*Warner Cinema*, meta kien ikun hemm xi film Bibbliku jew reliġjuż bħal *Quo Vadis* (1951), *Samson And Delilah* (1949), u *Joan Of Arc* (1948). Meta fetaħ il-Mayfair, malajr sar żvog popolari għall-bosta Żebbuġin. L-aktar li kien popolari kien mat-tfal bil-*films* tal-Ħadd filgħodu u maż-żgħażagħ filgħaxijiet.

Dak iż-żmien jien kelli xi sitt snin u nofs, u kien fi żmien ta' meta għamilt il-preċett, u kont immur m'ommi l-knisja, niftakar illi l-Arċipriet Dun Lawrenz Zammit Gabaretta kien għamel kruċjata kontra l-ftuħ tal-*Mayfair Cinema*. Dan għax ried jiftaħ ċinema hu fis-sala li kellu f'moħħu li għad irid jibni, bħalma kien hemm diġà fis-Siġġiewi qribna, u fi rħula oħra. Raġuni oħra kienet għax dik il-ħabta dan l-Arċipriet kellu kwistjoni taħraq mal-Każin San Filep minħabba r-rimi fil-baħar ta' nar li kien fadal wara li taret il-kamra tan-nar fis-7 t'April 1955. Il-president Gulia u l-kumitat kienu tal-fehma li n-nar jinbiegħ u bil-flus li jġib jgħinu lill-qraba tal-vittmi ta' dik it-traġedja.

Jista' jkun li l-għażla tal-film kien fiha element ta' nkejja lejn l-Arċipriet min-naħa tal-kumitat tal-każin. Dan għax il-film fih żifna bil-malja minn Ann Miller li dak iż-żmien kienet l-iktar żeffiena li kellha figura attrajenti. Kellu anke kanzunetta li kien jisimha "*That Darn Hot*". L-għazla li kellhom kienet jekk jurux dal-film inkella "Ulysses", film tal-1954 ta' Kirk Douglas li wkoll kien popolari, imma "Ulysses" urewh b'xejn jumejn qabel. Niftakar, għax mort ma' missieri, u l-ġgant ta' b'għajn waħda kien impressjonani. Film ieħor li kien intwera fl-ewwel ġimgħa kien "Vendetta" (tal-1950) li kellu parti fih l-attur Malti ta' Hollywood, Joseph Calleya.




***L-awtur Philip (fin-nofs) ma' ħutu Servolo u Johnny fl-1967. Warajhom jidher tilar bil-posters tal-films mal-faċċata tal-każin.***

Kienet ftit stramba li l-*Mayfair Cinema* ma fetaħx b'xi *gala night* jew għall-anqas b'xi ċeremonja bħal meta żżanżnet il-binja l-ġdida f'Novembru 1955. Kieku jaħasra kien ikollna żgur ritratti tas-sala taċ-ċinema, bħalma hawn tar-Rialto ta' Bormla li nfetaħ fis-sena 1956.

Nixtieq ngħid ukoll li żmien qabel ma fetah il-*Mayfair*, il-każin kellu *projector* 16mm



BANDA SAN FILEP A.D.1851

(aktarx xi *Bell & Howell* jew *G.B.Scope*) li nxtara *second hand*, u li permezz tiegħu kienu jintwerew il-*films* nhar ta' Ħadd fis-sala tal-iskola tal-bniet.

Fost l-ewwel *ushers* jew kif konna nsejħulhom, dawk tat-torċ biex juruk in-numru tas-siġġu, jien niftakar lil ċertu Bajdu minn ħdejn tad-Dawl, u Ninu Cachia li jiġi n-nannu ta' Josef Cachia li hu attiv fil-kummissjoni tal-armar u għamel żmien fil-kumitat taż-żgħażagħ.

Meta kien ikun hemm żewġ wirjiet wara xulxin, tal-ħamsa u tas-seba', kemm kienu jħossuhom imbarazzati n-nisa, ħamsin, sittin sena ilu, joħorġu miċ-ċinema u jinżlu t-taraġ imrewha, u jsibu ruħhom fil-każin mimli rġiel! Dan it-taraġ kien wieħed wiesa, bir-raġġ, miksi bl-irħam u kellu poġġaman tal-ħadid b'disinn sabiħ f'kull ġenb. Dan kien differenti mit-taraġ li minnu konna nidħlu minnu li kien minn Triq Sciortino u kien idjaq. Illum dawn iż-żewġ turġien m'għadhomx jeżistu għax tneħħew bħala parti minn żewġ proġetti ta' tisbiħ intern li saru fil-każin. Ir-rokna fil-ġenb tal-iskrin fejn kien it-taraġ tal-ħruġ illum saret parti mis-sala ta' fuq u fis-sular t-isfel saret parti mill-bar tal-każin.

Il-prezz biex tara l-film, li għat-tfal kien seba'soldi u l-kbar xelin u tnejn, u meta l-film ikun *blockbuster* bħal "BEN HUR", il-prezz kien jitla'għal xelin u tmienja.




***Ritratt meħud fis-snin sebgħin. It-Tabella b'isem iċ-ċinema Mayfair tidher mal-faċċata tal-każin eżatt ħdejn il-bieb żgħir tad-dħul għaċ-ċinema. Din it-tabella tneħħiet fl-2000.***

L-iktar film li dam jintwera kien "Marcellino Pan e Vino" film Spanjol tal-1955 li ntwera fi verzjoni bit-taljan. Kien dam ħamest ijiem, u s-Sibt intwera tliet darbiet u l-Ħadd għal erba' darbiet.

Iċ-ċinema kellu l-*bar* li kienu jbiegħu minnu familjari Borg imlaqqma' Ta' Laħlaħ. Minnu kienu jinbiegħu xi xarbiet, ħelu u ħbejżiet.

Għal ftit żmien wara li beda ċ-ċinema Mayfair, is-sala ta' fuq baqgħet tinkera għat-tiġijiet imma l-Ħadd filgħodu biss. Jien żgur minn dan għax meta żżewġet ċerta Mari[1] li toqgħod fit-Triq tal-Grazzja, kien hemm l-iskrin, u ta' tfal li konna bdejna nilgħabu u nidħlu wara l-purtiera ta' taħtu, li kienet ta' lewn *wine* biex nistaħbew noli. Ftit wara fetħet is-sala ta' Kuxxa fi Triq il-Kbira, u s-swali Mayfair u ta' Karmnu l-Papa waqfu mit-tiġijiet. Ta' Kuxxa kienet moderna, għax kien fiha tron għall-għarajjes u gallerija fil-għoli fuq il-bieb ta' barra, mżejna għall-orkestra.

Fl-ewwel snin l-iscreen kien għadu ma tkabbarx għal *cinemascope*, imma kien għadu *academy ratio*. Meta qaleb bis-*Cinemascope*, l-ewwel film li ntwera hekk, kien *Seven Brides For Seven Brothers*.

Il-posters fil-bidu kienu jitwaħħlu fuq tilari għoljin sitt piedi[2]. Mal-posters li kienu ta' qies kwadru, kienu jitwħħlu wkoll bil-pins il-*Lobby Cards* li huma ritratti meħudin mill-

film, f'qies ta' għaxar pulzieri[3], kif ukoll il-jiem bl-Ingliż meta jkun se jintwera l-film. Jekk ikun wasal biex jintwera xi film kolossali bħal "*The Ten Commandments*", mal-poster kien jitwaħħal avviż "*Coming Shortly*".

Qabel jibda l-film kien hemm kaxxa kbira jew suffett, mwaħħla f'nofs is-saqaf bil-bozoz imwaħħlin mad-dawra tagħha. Dawn kienu l-ewwel jixgħelu ħodor, u mbagħad ħomor, u mbagħad jaqa'd-dlam. Imbagħad mit-toqba tal-*projection room* joħroġ raġġ ta' dawl li bid-duħħan tas-sigaretti kien jidher aktar.

L-ewwel tliet films li ntwerew kienu: *Kiss Me Kate, Ulysses,* u *Passion*. Il-makkinisti tal-bidu kienu Pinu Briffa (ta' Ġienu), Leli ż-Żibġi, Frans Frendo, li kien joqgħod lejn ta' Lourdes, Charlie Camilleri li kien *usher* u wara sar makkinista. L-iktar li dam kien Thomas Borg (Majsi), li kien joqgħod eżatt mal-knisja ta' Mamu, fuq in-naħa ta' Ħal-Mula.




Kienu joħduna tal-iskola wkoll. Niftakar ta' Marċellino, verzjoni bl-Ingliż u *films* oħra bħal *Treasure Island, Robinson Crusoe*, u *Swiss Family Robinson*.

Dawk li kienu jmorru t-*talkies* għan namrar, kienu jaqtgħu l-biljetti għas-*seats* li kienu jmissu mal-ħajt inkella ta' wara nett. Meta kien jinqata l-film kont tisma tisfir u għajjat u l-makkinista kien jixgħel u jdoqq id-diski.

Darba fil-bidu tas-sittinijiet, kellu jintwera l-film dokumentarju bit-Taljan '*La donna di Notte*'(1962), li ċ-ċensura tal-knisja kienet klassifikatu H, jiġifieri ma jista' jarah ħadd, u l-Arċipriet Zammit Gabaretta u l-qassisin l-oħra waqt l-omeliji tagħhom, ħeġġew lin-nies biex ma jmorrux jarawh għax jidinbu. Dal-film kien juri l-varjetà u l-*cabarets* li jsiru fin-*nightclubs* madwar id-dinja, mill-Ewropa sa Tokyo. Iċ-ċensura tal-Gvern ( li ma kinitx laxka) kienet klassifikatu *Over* 21. Dakinhar li ntwera dal-film, il-Mayfair kien *full up,* bil-kuridur mimli wkoll bis-siġġijiet tal-ħadid li ttellgħu mill-każin.

Għall-ewwel li beda l-Mayfair il-*posters* bin-nisa bil-bikini kienu jiġu miżbugħin bl-iswed bejn it-two pieces, bħalma kienu jagħmlu wkoll lill-gazzetti li kienu jiġu minn barra. Meta ċ-ċensuri ma ridux jidhru iżjed redikoli, bdew jgħalqu għajnejhom, imma l-Arċiprieti u l-Kappillani baqgħu jimponu mas-sidien taċ-ċinema. Ma tantx kien fadal minn baqa'jobdihom. Aktar 'il quddiem fuq insistenza tal-Arċipriet, meta fil-*poster* kienet tidher mara bil-malja jew xi ftit skullata l-każin kien ikollu jpoġġi biċċiet ta' kartonċin (bil-ħinijiet u l-ġranet tal-wiri) fuq il-partijiet offensivi! Dawn il-kartun kien jagħmilhom Pinu Briffa (ta' Ġienu) li kien wieħed mil-aqwa *sign writers* li jaħdmu mas-servizzi u kien fil-kumitat tal-każin. Dak iż-żmien kienet għadha kif infetħet Triq Sciortino u fiha kien hemm *bar* li konna ngħidhulu taċ-Ċilindru, fil-post fejn illum hemm id-dar tas-Sur Amante, qabel inbnew il-flats. It-tfajliet u l-ġuvintur kien hemm minnhom li kienu jidħlu f'dal-bar jiżfnu r-*rock and roll* mal-*juke box*. L-Arċipriet Zammit Gabarretta beda jgħid li Ħaż-Żebbuġ, bil-Mayfair u b'dan il-*bar*, kien sar qisu Sodoma u Gomorra. Issa dan l-Arċipriet kien mill-



BANDA SAN FILEP A.D.1851

Birgu għall-ġieħna! Possibbli qatt ma kien sema' bil-Cafè Riche tal-Kottonera?

L-iktar li kienu jattendu nies kien meta kienu jintwerew il-films ta' Elvis Presley, Pat Boone, Dean Martin u Jerry Lewis, Norman Wisdom, u kienu jkunu 'full up'meta jidhru dawk ta' Ercole, Ursus, u Maciste. Dawn tal-aħħar kienu films Taljani li ġeneralment kienu jaħdmu fihom Steve Reeves u Gordon Scott.

**Referenzi**

1 Missieri Ġużeppi miet fl-1994 tliet snin wara li kien ingħata l-arloġġ ta' ħamsin sena bandist mal-Banda San Filep. Jien ħriġt indoqq fl-1965 u l-aħħar li daqqejt kien flok missieri,bit-tambur, fl-1978 għax dakinhar ma setax.

2 L-ewwel tieġ li sar fiha kien ta' Katarin Sciortino u Ġiljan Gatt. Dan skont ma qalet Katarin innifisha.

3 Jiġifieri l-ewwel tqarbina li dak iż-żmien u għal bosta snin wara kien isir fl-eta ta' sitt snin u mhux ta' seba'kif inhu llum.

4 Fl-inħawi ta' Għar Lapsi. Dan in-nar kien inħadem minn Pinu Xuereb, wieħed mill-vittmi b'materjal imħallas mill-każin u kien maħżun fil-parti tal-kumpless tal-kamra tan-nar li ma ntmessitx bl-isplużjoni. Dan in-ar intrema fil-baħar bil-moħbi kontra x-xewqa tal-kumitat minn erba'membri li deher li seta' kellhom l-approvazzjoni taċita tal-Arċipriet.

5 Il-poġġaman kien fit-tond u kien inħadem mill-ħaddied Żebbuġi Wiġi Said.

6 Xelin hu ekwivalenti għal kważi tnax-il ċenteżmu tal-ewro. Xelin u tnejn, jiġifieri xelin u żewġ soldi kien jiswa kważi erbatax-il ċenteżmu tal-ewro u xelin u tmienja jew għoxrin sold għal dsatax--il ċenteżmu tal-ewro.

7 Mari ta' Manwel l-Għawdxi, li kien bejjiegħ tal-qubbajt ta' Ġanni l-Għawdxi. Jidhirli li għadha magħna. Il-familjari tagħha kienu joqgħodu flok l-uffiċċju tal-Perit Thake. Hi toqgħod ftit 'il hemm, imma mal-ħajt l-ieħor.

8 Sitt piedi jiġu 1.83metri.

9 Għaxar pulzieri jiġu 25.4 ċm.

SILVIO'S

25 TRIQ IL-KATANIŻ
INDUSTRIAL AREA ŻEBBUĠ
Tel: 2146 8982, 2146 1683
Mob: 9945 4333

Chairs & Tables for hire
for parties, conferences. etc.

For all types of Chairs • Stools • Sun Beds • Table Legs
• Armchairs • Deck Chairs • Folding chairs • Kitchen Doors
• Folding Tables • Loose Furniture
• Garden Furniture etc.